MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2014

Avviz Numru. 57/2013

**Giovan Hardware Limited (C-37712)**

**vs**

**Vincent Attard**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-21 ta' Frar 2013 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-

somma ta' ghaxart elef, erba' mija u tnejn u sebghin ewro u wiehed u disghin centezmu (€10,472.91) liema ammont rapprezentanti merkanzija konsenjata lill-intimat u dan kif indikat f'tliet (3) statements hawnhekk indikati u mmarkati bhala Dok A1, A2 u A3.

Bl-imghaxijiet u spejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' **Vincent Attard** li giet ipprezentata fit-30 ta' Settembru 2013 fejn eccepixxa:

1. *"Illi preliminarjament l-eccipjenti ma jezercita l-ebda kummerc bl-isem "Toolsman Hardware Store", u konsegwentement l-eccipjenti gie mharrek hazin.*
2. *Illi bla hsara ghall-premess, l-eccipjenti kif imharrek m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici, u ghalhekk huwa ghandu jinheles mit-talbiet attrici stante li m'huwiex il-legittimu kuntradittur.*
3. *Illi bla hsara ghall-premess, l-eccipjenti m'ghandu jhallas xejn lis-socjeta' attrici u l-prova tal-kuntrarju tinkombi unikament fuqha.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti taghha fi proceduri gudizzjarji, u b'riserva ghal kull dritt t'azzjoni spettanti lill-eccipjenti kontra s-socjeta' attrici minhabba li din il-kawza saret kontra l-eccipjenti ghal ragunijiet vessatorji u malizzjuzi."*

**Josef Abela** xehed fid-9 ta' Ottubru 2013 fejn iddikjara li huwa l-*manager* fis-socjeta' attrici. Huwa spjega li s-socjeta' attrici hija wholesalers ta' oggetti li huma jbieghu lill-hwienet tal-*ironmongery*. Huwa jiftakar li huma kienu jbieghu lis-Sur Attard b'mod regolari u sussegwentement sar jaf li dan ma baqax ihallashom u ghalhekk ma baqghux jaghtuh aktar xoghol. L-ammont mitlub fir-rikors promotur ghadu dovut sal-lum.

Ix-xhud gie muri dokumenti esebiti f'dawn l-atti a fol 2 sa 6 tal-process u qal li dawn huma l-invoices li s-socjeta' attrici baghtet lill-konvenut, liema invoices ghadhom pendenti sal-lum. Huwa stqarr li qatt ma gew mitluba sabiex ibiddlu l-isem li jidher fuq l-invoice. Ir-relazzjoni kummercjali ta' bejniethom ilha ghaddejja diversi snin. Fil-fatt l-invoices dejjem hekk hargu. Mistoqsi kif inhu ntitolat ic-cekk, l-isem tac-cekk li kienu jircievu l-hlas bih wiegeb li ma jafx. Lilu l-konvenut qatt ma qallu li filfatt kellu kumpanija jew li kellmu fuq dawn l-affarijiet. Ix-xhud jaf li kien tahom xi business card u din intilfet maz-zmien. Ix-xhud jaf li f'dawn l-invoices hemm firma u taht il-firma hemm isem Vincent Attard. L-invoices mhumiex esebiti pero' dawn l-istatements jirriflettu l-invoices. Ix-xhud iprometta li fis-seduta sussegwenti jesebixxi kopja ta' dawn l-invoices.

Ix-xhud tenna li qabel ma pprezentaw din il-kawza kienu kitbulu, pero' mhux cert dwar dan lanqas. Mistoqsi jekk izommux kopja tac-cekkijiet wiegeb li le ghax dawn jigu depozitati fil-kont. Fil-fatt il-konvenut jista' jgib kopja tal-images tac-cekkijiet li hallas bihom. Ix-xhud stqarr illi huwa m'ghandux records bin-numru tac-cekk tal-hlasijiet tal-invoices li effettivament kienu thallsu fil-passat.

Huwa spjega li jekk cekk ikun ta' certu ammont ikun jista' jghid b'liema invoice kien inqata'.

Ix-xhud spjega li fil-kumpanija mieghu kien hemm ukoll missieru u ghalhekk jista' jkun li kien missieru li kien cempel lill-konvenut. Filfatt meta cemplu gieli kien ikellimhom hu kif ukoll xi segretarja tieghu. Kien hemm xi zmien meta kien hemm ukoll it-tifla tieghu nvoluta. Mistoqsi x'jisimha l-impjegata tieghu wiegeb li ma jafx ghax kien jitkellem fuq it-telefon. Pero' jaf li kien hemm zmien meta kien jitkellem mat-tifla tieghu.

In kontro-ezami qal li l-invoices fil-fatt huma ffirmati mill-impjegati tas-Sur Attard li kienu jkunu fil-hanut dak iz-zmien. Ghalhekk il-firem ta' fuq l-invoices m'humiex tas-Sur Attard izda tal-haddiema tieghu. Mistoqsi x'inhu l-isem tal-hwienet tal-konvenut wiegeb li ma jafx bic-cert, pero' jaf li ghandu tlett hwienet. Illum il-gurnata jghid li tnejn mill-hwienet tieghu fil-fatt inbidlu s-sidien u t-tabella ghalhekk ma ghadhiex hemm u llum hemm hanut wiehed biss. Filfatt jahseb li ghadu miftuh. Huwa kkonferma li t-tlett hwienet tal-konvenut jinsabu H'Attard, Zejtun u Rahal Gdid u l-invoices esebiti jirriflettu ghal dawn it-tlett ihwienet. Ghalhekk it-tlett statements huma jikkoncernaw it-tlett hwienet.

**Josef Abela** rega' xehed fl-20 ta' Novembru 2013 u gie muri nota li kienet giet esebita seduta stante li permezz taghha kienu gew esebiti numru ta' invoices. Huwa ddikjara li l-kawza odjerna hi bbazata fuq dawn l-invoices. Dawn l-invoices kollha flimkien jammontaw ghas-somma mitluba mix-xhud fir-rikors promotur. Mistoqsi min kien intitolat jew intestat li jircievi dawn l-invoices wiegeb li kien certu Vincent Attard. Ix-xhud tenna li lilhom hadd qatt ma qalilhom biex ibiddlu l-isem jew jibghatu dawn l-invoices lil haddiehor. Huwa

spjega li l-konvenut kellu tlett ihwienet bl-isem ta' Toolsman Hardware Store u kienu fl-irhula differenti hawn Malta. Kien ghalhekk li hawn tlett accounts differenti u f'kull invoice kien ikun hemm indikat fejn tkun saret il-konsenja. Kull hanut kellu kont ghalih separat.

Rat in-nota pprezentata seduta stante fl-20 ta' Novembru 2013 mis-socjeta' attrici li permezz taghha esebiet numru ta' fatturi relatati ma' statements.

**PL Quentin Tanti** xehed fid-29 ta' Jannar 2014 ghan-nom u in rapprezentanza tal-MFSA. Huwa gie mitlub sabiex jixhed dwar meta giet registrata s-socjeta' Toolsman Hardware Limited (C29253) u min kienu d-diretturi u l-azzjonisti taghha minn dakinhar 'il quddiem. Ix-xhud esebixxa estratt mill-Memorandum and Articles of Association tas-socjeta' Toolsman Hardware Limited u r-*registered documents* taghha sussegwenti. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument MFSA. Huwa kkonferma li din is-socjeta' ghandha s-C Number bhala C29253. Huwa kkonferma li din is-socjeta' giet registrata fis-6 ta' Frar 2002 u d-diretturi taghha kienu Vincent Attard detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 517657M u Maryanne Attard detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 552182M. L-azzjonisti kienu wkoll l-istess Vincent u Maryanne Attard. Vincent Attard kellu 450 shares ta' *one pound each* u Maryanne Attard kellu 50 shares ta' *one pound each* kollha *ordinary shares*. Il-*company secretary* kienet ukoll Maryanne Attard u r-rapprezentanza legali tal-kumpanija kienet vestita fi kwalsiasi mid-diretturi. Fid-19 ta' Jannar, 2012 Maryanne Attard kienet irrizenjat minn direttur tal-kumpanija, segretarja u *legal judicial representation* ta' din l-istess socjeta'. Fit-2 ta' Frar, 2012 Vincent Attard kien gie appuntat bhala segretarju tal-kumpanija u ghalhekk illum il-

gurnata l-unika direttur huwa Vincent Attard. Huwa jokkupa wkoll il-kariga ta' *board secretary*.

**Connie Azzopardi, in rapprezentanza tal-VAT Department** xehdet fid-29 ta' Jannar, 2014 fejn iddikjarat li hija kienet giet ingunta sabiex tixhed dwar ta' min hu l-VAT Number 16339903. Hija spjegat li dan l-VAT number ma jghajjatx biss lil Vincent Attard u ghalhekk hija ma tistax taghti l-informazzjoni mitluba. Ix-xhud ikkonfermat li dan il-VAT number ma jghajjatx lil Vincent Attard de proprio.

**Romwald Attard** xehed ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta fis-26 ta' Frar, 2014 fejn iddikjara li huwa gie mitlub sabiex jesebixxi numru ta' cheque images li attwalment huma ghoxrin mahruga mill-kont ta' Toolsman Hardware Limited. Huwa esebixxa kopja ta' dawn l-istess dokumenti li l-Qorti mmarkat komplessivament bhala dokument RA, liema dokument jikkonsisti f'hames dokumenti.

**Il-konvenut Vincent Attard** xehed fis-26 ta' Frar 2014 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjeta' Toolsman Hardware Limited. Il-konvenut spjega li din il-kumpanija fil-passat kienet topera tlett ihwienet. Wiehed minn dawn il-hwienet kien jinsab Bir id-Deheb, wiehed f'Rahal Gdid u wiehed H'Attard, u dawn huma tlett ihwienet taz-zebgha, *ironmonger*. Mistoqsi kif jaf il-kumpanija Giovan Hardware Limited, wiegeb li huwa kien jafha peress li kienu jixtru diversi oggetti minghandhom. Huwa tenna li meta qal li kienu jixtru minghandhom, ried ifisser li ghalkemm il-hwienet kienu tieghu, huwa kellu ragel jahdem mieghu, li kien ukoll jiehu hsieb certu xiri. Ir-ragel in kwistjoni kien impjegat mas-socjeta' Toolsman Hardware Limited. L-ordnijiet li kienu jsiru

mas-socjeta’ Giovan Hardware Limited kienu jsiru minn Toolsman Hardware Limited. Mistoqsi jekk il-kumpanija Giovan Hardware Limited kienitx taf bis-socjeta’ Toolsman Hardware Limited wiegeb li iva kienet taf u dan anke jirrizulta mic-cekkijiet li kienu jsiru lilha ghan-nom tal-Bank of Valletta, kif jindika d-dokument RA.

Il-konvenut gie muri dokument RA esebit f’dawn l-atti li huma kopja ta’ cheque images mahruga mis-socjeta’ Toolsman Hardware Limited, u fil-fatt gharaf ukoll il-firma tieghu fuq dawn ic-cheque images. Huwa spjega li qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna, jiftakar li kienu rcevew xi ittri u kienu gew indirizzati lil Toolsman Hardware Limited u mhux lilu personali. Huwa esebixxa kopja ta’ dawn l-ittri u qal li fil-fatt hemm zewg ittri u risposti li gew immarkati mill-Qorti, bhala dokument VA1, VA2, VA3 u VA4 rispettivament.

In kontro-ezami l-konvenut gie mistoqsi jekk kienx jircevi hu l-invoices li kienu gew mibghuta lilu mis-socjeta’ Giovan Hardware Limited, wiegeb li le mhux hu kien jircevihom, kien jircevihom l-iskrivan. Dan kien impjegat mal-istess kumpanija Toolsman Hardware Limited u xoghlu kien li jaghmel ic-cekkijiet u l-konvenut kien jiffirmalu. Huwa gie muri dokument esebit f’dawn l-atti u mmarkat bhala dokument A1, li huwa invoice a fol 2. Dan attwalment huwa statement. Huwa gieli ra statements bhal dawn u fil-fatt dawn ukoll huma ndirizzati lil Toolsman Hardware Store. Huwa jidhirlu li qatt ma staqsa lil Giovan Hardware Limited sabiex ibiddel dawn l-invoices, fis-sens li jigu intestati lil haddiehor.

In Ri-ezami l-konvenut spjega li ghalih m’hemmx differenza bejn Toolsman Hardware Store u Toolsman Hardware Limited, fil-fatt ismu Vincent Attard ma jidher imkien fuq dawn l-istatements. Dawn l-invoices mhux indirizzati lilu. Fil-

fatt huwa kellu l-foreman li kien jiehu hsieb id-*day to day running* ta' din il-kumpanija, Toolsman Hardware Store Limited.

Semghet lill-partijiet jittrattaw l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenut Vincent Attard *de prorpio* u dan fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2014 fejn l-avukat difensur sostna li l-konvenut *de proprio* mhux il-legittimu kontradittur tas-socjeta' attrici u li ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. L-avukat difensur tas-socjeta' attrici zamm ferm il-pretensjonijiet tieghu kif kontenuti fir-rikors promotur li huwa l-konvenut Vincent Attard de proprio bhala li jezercita l-kummerc bl-isem 'Toolsman Hardware Store' li ghandu jwiegeb ghad-domandi attrici.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici kif prezentata bil-visto tal-kontro-parti nhar id-9 ta' April 2014.

Rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut Vincent Attard li giet ipprezentata nhar il-11 ta' April 2014 bil-visto tal-kontro-parti.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-konvenut eccepixxa li huwa mhux il-legittimu kontradittur tas-socjeta' attrici u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Jinghad pero' li fil-bicca l-kbira ta` dawk il-kazi fejn kreditu pretiz jigi kontestat abbazi tad-difiza tal-illegittimita` tal-persuna, il-kwistjoni tkun ghaliex l-allegat debitur jghid li huwa ma kienx qieghed jagixxi fil-kwalita` personali tieghu izda bhala rapprezentant ta` kumpanija. Il-gurisprudenza taghna tat direzzjoni bl-insenjamenti taghha dwar kif materja ta` din ix-xorta ghandha tigi trattata (ara: **<u>Zammit noe vs Lubinsky</u>** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti civili nhar it-30 ta` Marzu 2010; **<u>Vella vs Vella</u>** deciza mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-3 ta` Dicembru 1999; Appell **<u>Caruana et vs Magro et</u>** deciza mill-Qorti ta' l-Appell nhar is-6 ta` Ottubru 1999; **<u>Formosa et noe vs Felice</u>** deciza mill-Qorti ta' l-Appell nhar

is- 6 ta` Ottubru 1999; **Bonnici noe vs Grima** deciza mill-Qorti tal-Kummerc nhar it-30 ta` April 1992 (LXXVI.IV.677); u **Cilia noe vs Scicluna** deciza mill-Qorti tal-Kummerc nhar is-27 ta` April 1992 (LXXVI.IV.673).

Fis-sentenza kwotata mill-istess socjeta' attrici fl-ismijiet '**Frankie Refalo noe v. Jason Azzopardi et', Citaz. Nru. 1365/92** pronuncjata mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001, inghad illi "*biex il-Qorti tistabbilixxi jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, in kwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu l-premessi ghaliha, jekk provati, setghu jwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi … illi l-konvenut kien gie sewwa citat in kwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti*".

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma pro et noe v. Emanuel Grixti', Appell Civili Nru. 506/03** pronuncjata mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Jannar 2007, inghad illi "*b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn zewg partijiet in virtu ta' liema l-wiehed, kreditur, ghandu id-dritt jippretendi l-iehor, id-debitur, li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun ikollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha*".

Ta’ importanza ghal din is-sentenza huwa dak li gie deciz fis-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili nhar il- 21 ta’ Marzu 2002 fl-ismijiet ‘**Camel Brand Co Ltd vs Debono Michael**’ ukoll kwotata mill-istess socjeta’ attrici fejn inghad li:

*“Meta negozju jkun gestit minn socjeta` b'responsabilita` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha. Tali ndikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali ndikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor. Normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni.”*

Issa fil-kaz in ezami jirrizulta bla tlaqliq li s-socjeta’ attrici kellha negozju mas-socjeta’ Toolsman Hardware Limited li kienet ilha ghaddejja ghal zmien konsiderevoli. Josef Abela manager tas-socjeta’ attrici spjega fix-xhieda tieghu li kienu jbieghu lis-sur Attard b’mod regolari u waqfu jaghtuh ix-xoghol meta ma hallashomx aktar. Huwa fil-fatt esebixxa numru kbir ta’ invoices li huma intestati lil Toolsman Hardware Store (vide fol. 26 et seq). Huwa ghamel referenza ukoll ghall-istatements li harget is-socjeta’ attrici u l-Qorti wkoll tinnota li dawn huma intestati lil Toolsman Hardware Store. Jidher li kien hemm tlett *outlets* u fil-fatt fuq kull invoice hemm indikat fejn kienet issir il-konsenja relattiva. Jghid ukoll li fuq l-invoices hemm il-firem tal-impjegati tas-Sur Attard. Ikkonferma li kienu kitbu lill-konvenut qabel ma pprezentaw il-kawza odjerna. Mistoqsi jekk izommx kopja tac-cekkijiet li permezz taghhom kien isir il-hlas tal-konsenji li kienu jissuplixxu jghid li m’ghandux kopji taghhom. Fix-xhieda

tieghu tal-20 ta’ Novembru 2013 ix-xhud jghid li qatt ma gie mistoqsi sabiex johrog l-invoices relattivi f’isem haddiehor. Ikkonferma pero’ li t-tlett ihwienet kellhom l-isem Toolsman Hardware Store.

P.L. Quentin Tanti bhala rapprezentant tal-MFSA xehed u pprezenta l-Memorandum & Articles of Association tas-socjeta’ Toolsman Hardware Limited li ghandha s-C number 29253. Minn ezami ta’ dan id-dokument jidher li Vincent Attard baqa’ Direttur ta’ din is-socjeta’ Toolsman Hardware Limited (C 29253).

Il-konvenut ressaq bhala prova lir-rapprezentat tal-VAT office certu Connie Azzopardi li giet mistoqsija lil min jghajjat il-VAT number 16339903 li jidher fuq l-invoices mibghuta mis-socjeta’ attrici u din xehdet li dan in-numru ma jghajjatx lil Vincent Attard de prorpio pero’ minhabba s-sigriet professjonali taghha ma setghet tghid xejn aktar. Il-konvenut ressaq ukoll lil Romwald Attard jixhed u jispjega ghan-nom tal-Bank of Valletta li l-pagament li saru lis-socjeta’ attrici saru mis-socjeta’ Toolsman Hardware Store Limited f’varji dati kif hemm indikat fic-cheque images esebiti minnu (fol. 171 et seq).

Vincent Attard jghid li huwa dejjem innegozja mas-socjeta’ attrici f’isem is-socjeta’ Toolsman Hardware Limited u qatt ma nnegozja f’ismu de proprio. Jghid li huwa kellu negozju u kien igestih minn tlett ihwienet u kien jaghmel hafna ordnijiet minghand is-socjeta’ attrici izda dejjem f’isem is-socjeta’ Toolsman Hardware Limited. Fil-fatt jghid illi fuq l-invoices li kienet tibghat l-istess socjeta’ attrici kien hemm indikat l-VAT number tas-socjeta’. Jghid li s-socjeta’ attrici kienet taf li effettivament kienet tikkontrattja mas-socjeta’ Toolsman Store Limited u mhux mieghu personali ghaliex anke l-ittra li kienet baghtet qabel ma fethet il-kawza kienu gew indirizzati lis-socjeta’ Toolsman Hardware Limited (vide Dok VA 1, VA2 , VA 3 u VA 4 rispettivament a fol. 178 et seq).

Ghalhekk dak li gie ritenut fis-sentenza fuq citata fl-ismijiet '**Camel Brand Co Ltd vs Debono Michael'** dwar x'ghandha taghmel socjeta' meta trid li n-negozju jkun f'isimha u cioe' li tgharraf lill-parti l-ohra gie segwit.

M'hemmx dubbju li effettivament is-socjeta' attrici kienet taf bl-ezistenza tas-socjeta' Toolsman Hardware Limited u ghalhekk qatt ma messha harrket lill-konvenut de proprio.

**Ghalhekk din il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut li l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur u ghalhekk qed tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' attrici.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------